Nru. 169

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri

DAR U KAPPELLA MEDJEVALI
32, TRIQ IL-PARROĊĊA
MQABBA

(ara l-pjanta mehmuża) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-bini għandu jitqies bħala proprjetà ta' Grad 1 skond il-Policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku ta' dan il-bini msemmi hawn fuq.

(ii) L-ebda alterazzjoni ma tiġi permessa lil ebda parti tal-bini, kemm ġewwa kif ukoll barra.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew intervent fuq il-proprjetà ta' hawn fuq, li tista' tkun permessa, għandu jkun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Is-17 ta' Marzu, 1995

No. 169

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

The Planning Authority believes that the following property, namely

HOUSE & MEDIAEVAL CHAPEL
32, PARISH STREET,
MQABBA

(see attached site plan) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The building is to be considered as a Grade 1 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its historic value as a structure which contains a building believed to be a mediaeval chapel.


(ii) No alterations will be permitted to any part of the building, whether internal or external.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

17th March, 1995


Tax-Xantin
SKOLA TAL-GVERN
TRIQ IL-FJURI
TRIQ IL-BELT VALLETTA
TRIQ IL-PARROCCA
MQABBA
House and Mediaeval Chapel
32, Parish Street, Mqabba
N
Part of S.S. 5067
Scale 1: 2500